MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1594/2004

**Talba Nru: 1594//04VGD**

Joseph Buttigieg u Carmel sive Lino Farrugia fil-kwalita' taghhom bhala President u Segretarju rispettivament tal-Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti.

Vs

Alex Bezzina Wettinger.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba fejn l-atturi qed jitolbu l-ammont ta' mija u hames liri Maltin (Lm105.00) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar fil-publikazzjoni 'Mid-Dura' u servizzi ancillari, rezi fuq ordni tal-konvenut, liema hlas

baqa ma sarx. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 23 ta' Gunju 2004 u interessi legali mid-data meta gie rez is-servizz de quo sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenut li jibqa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn gie eccepit illi huwa kien jibghat ghaxar liri bolol flimkien mas-slip tal-gazzetta 'Mid-Dura' f'envelopp, u fil-fatt dawn kienu dejjem jaslu ghax l-avvizi kienu jippubblikawhom, u huma kienu jaccettaw dawn il-bolol ghax hekk kienet il-procedura taghhom ghalhekk huwa m'ghandu jaghti xejn lill-atturi u mhuwiex debitur taghhom.

Sema x-xhieda ta' l-attur Lino Farrugia.

Sema x-xhieda ta' Daniel Sciriha prodott mill-atturi.

Sema x-xhieda tal-konvenut Alex Bezzina Wettinger.

Sema t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-konvenut.

Sema x-xhieda ta' Anna Portelli prodotta mill-konvenut.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi l-atturi qedin jitolbu minghand il-konvenut il-hlas ta' l-ammont ta' mija u hames liri Maltin (Lm105.00), rapprezentanti l-prezz ta' tlett reklami separati li hargu fuq il-magazine 'Mid-Dura' fuq ordni tal-konvenut stess. Il-prezz ta' kull reklam huwa ta' Lm 35, kif jidher ukoll mill-invoices dokumenti LF2, LF3 u LF4. It-tlett reklami li gew ordnati mill-konvenut saru fi tlett hargiet tal-magazine, li jkopru l-perjodi Frar sa April 2001, Mejju sa Lulju 2001 u Awissu sa Ottubru 2001.

Illi l-attur Lino Farrugia xehed li l-konvenut kien ordna dawn it-tlett reklami u li l-ammont dovut ghal tali servizz

kien ghadu ma thallasx minnu, u li l-Ghaqda attrici ma kienet rceviet l-ebda forma ta' hlas minghand il-konvenut. Huwa xehed illi l-Ghaqda attrici ma kienitx rceviet bolol minghand il-konvenut kif huwa qed jallega, u anzi, meta kienu kellmu lill-konvenut dwar l-ammont dovut, huwa kien qalilhom li kien hallas l-ammont mitlub lil certu membru ta' l-Ghaqda attrici li jismu Arthur Grech. Skond l-attur meta huma ghamlu l-verifiki taghhom dwar dan, irrizultalhom li ma kienx veru li l-konvenut kien hallas lil dan Arthur Grech. L-istess attur xehed illi huwa kien jiehu hsieb l-accounts tal-Ghaqda u li hu kien jircevi u jiftah il-posta.

Ix-xhud Daniel Sciriha prodott mill-Ghaqda attrici fil-fatt kkonferma l-versjoni tal-attur Lino Farrugia, u xehed illi huwa kien ha l-ordnijiet minghand il-konvenut ghat-tlett reklami in kwistjoni, u meta beda jigri warajh ghall-hlas dovut in konnessjoni ma dawn ir-reklami, l-konvenut stess kien qallu li kien hallas lil certu Arthur Grech. Meta mbaghad dan ix-xhud tkellem ma Arthur Grech, dan ta' l-ahhar innega li kien ircieva xi pagament minghand il-konvenut. Ix-xhud cahad illi l-Ghaqda qatt rceviet xi bolol bhala pagament da parti tal-konvenut.

Il-konvenut minn-naha tieghu spjega illi fil-magazine in kwistjoni stess kien hemm avviz li juri x'kellu jaghmel wiehed biex igib reklam fil-magazine. Ghalhekk huwa kien jimla din il-formola u jibghat ghaxar liri Maltin (Lm10) bolol u mbaghad fil-publikazzjoni li jmiss kien jara r-reklam tieghu u jserrah mohhu li l-Ghaqda kienet irceviet il-hlas. Kien biss wara xi zmien li sar jaf li l-Ghaqda kienet qed tfittxu ghall-pagament ghal dawn ir-reklami.

Illi mill-provi migbura jirrizulta illi l-konvenut mhuwiex qed jikkontesta li dawn ir-reklami gew minnu ordnati, u lanqas qed jikkontesta l-fatt li dawn ir-reklami effettivament saru fil-magazines in kwisjtoni. Ma sar l-ebda ilment da parti tieghu dwar is-servizz li nghata lilu. Il-konvenut qed jikkontesta biss il-fatt illi huwa debitur tal-atturi ghaliex skond hu l-hlas ghal dawn ir-reklami kien sar minnu u ghalhekk mhu dovut l-ebda hlas minghandu.

Illi l-atturi ezebew l-invoices in kwistjoni, u xehedu li ma sar l-ebda hlas da parti tal-konvenut ghas-servizz moghti lilu, u lanqas ma rcevew xi bolol bhala forma ta' hlas.

Illi jekk it-Tribunal kellu jaccetta t-tezi tal-konvenut li huwa hallas ghaxar liri bolol ghal kull reklam li sar, ir-rizultat ta' dan ikun li l-konvenut ghamel pagament ta' Lm30 b'kollox, filwaqt li l-atturi qedin jitolbu l-prezz ta' Lm35 ghal kull reklam, u cioe total ta' Lm105. Hawnhekk irid jinghad illi l-konvenut fl-ebda stadju tal-kawza ma kkontesta l-ammont mitlub mill-atturi ghal kull reklam fl-ammont ta' Lm35, jew gab xi prova konkreta li juri li l-prezz tar-reklam ma kienx Lm35 izda biss Lm10.

Illi xorta wahda pero, alavolja l-konvenut qed jallega li sar il-hlas da parti tieghu, ma pproduca l-ebda prova konkreta f'dan is-sens. La esebixxa kopja tal-formola li huwa stess semma rigward il-procedura li wiehed kellu jadopera sabiex jordna reklam, u lanqas ma gab xi prova dwar il-fatt li dan ir-reklam seta jigi ordnat billi wiehed jibghat lill-Gahqda l-formola flimkien ma ghaxar liri bolol.

Ghalhekk t-Tribunal mhuwiex sodisfatt illi l-versjoni tal-konvenut hija wahda kredibbli u konsistenti, u jidher li filwaqt li l-atturi pproducew bizzejjed provi in sostenn tat-talba taghhom, dan ma jistax jinghad li sar mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kif kontenuta fl-Avviz, u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hames liri Maltin (Lm105), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------